MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Numru. 441/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**Philip Fiteni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Philip Fiteni**, iben Anthony u Rita neé Fiteni, mwieled fis-7 ta' Jannar 1989, gewwa Pietà, u li joqghod 6, Fiteni Terribile, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 36689(M), akkuzat talli:

1. nhar id-9 ta' Mejju 2013 ghal habta tas-13.30hra gewwa 6, Fiteni Terribile, Triq l-Ghanja Maltija, Zebbug, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' huh Robert Fiteni u/jew persuni ohra, hekk kif iccertifika Dr. Adam Falzon (Med. Reg. 3425);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil huh Robert Fiteni biza' li ser tintuza bjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja u hedded fejn mhux imsemmi band'ohra, fil-Kodici Kriminali jew provoka, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni lil Robert Fiteni u/jew persuni ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Robert Fiteni *ai termini* tal-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-kwerelanti jiddikjaraw li kienu qed jaghzlu li ma jixhdux fir-rigward dak li allegatament gara fid-9 ta' Mejju 2013 u semghethom jiddikjaraw ukoll li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Rat ir-rapport mhejji minn Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 17) fejn, fost l-ohrajn, irrizultalu li: *"Illi din l-abrazjoni hija kompatibbli ma' blunt trauma u hija klassifikata bhala lezjoni ta' natura hafifa"* (*a fol.* 25).

Ikkunsidrat

Illi, minn dak li gie mismugh mill-Qorti u minn dak li gie prezentat quddiemha jirrizulta s-segwenti:

- l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, fejn issir riferenza ghal ferita ta' natura gravi, ma tirrizultax u *se mai* tirrizulta li giet kagunata ferita ta' natura hafifa fil-konfront tal-kwerelant Robert Fiteni, li *stante* li ghazel li jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, ser jigi dikjarat l-procediment ezawriet fil-konfront tar-reat minuri kompriz u nvolut fl-ewwel (1) imputazzjoni;

- <u>it-tieni (2) imputazzjoni</u> migjuba fil-konfront tal-imputat: din ma tirrizulta bl-ebda mod u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha;

- it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat: *stante* li saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, ser jigi dikjarat l-procediment ezawriet fil-konfront ta' din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat Philip Fiteni hati taghha u b'hekk tilliberah minnha, u fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja, b'dan illi tali dikjarazzjoni fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni qed issir fir-rigward tar-reat minuri kompriz u involut fl-imputazzjoni msemmija, cioé ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta' Robert Fiteni.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelanti, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------